

# Kumitat Ġdid



Carmen Cini
Kummissjoni Nisa

Wara sena oħra, insellmilkom. Il-Kummissjoni Nisa fi ħdan l-Imperial issa ilha aktar minn għoxrin sena. Bi pjaċir ngħid li l-membri tagħha bqajna konsistenti naħdmu għal din is-soċjetà.

Din is-sena kien imiss li nerġgħu niffurmaw dan il-kumitat. In-numru tal-membri għal dan il-kumitat kiber u tela' għal għaxra. Għalija u għall-Għaqda Imperial dan huwa ta' sodisfazzjon kbir, għax juri fiduċja fil-kumitat ta' qabel.

Filwaqt li nirringrazzja l-membri kollha tal-kumitat ta' qabel tax-xogħol siewi u mill-qalb li taw fis-snin li għaddew, nilqa' magħna lil dawk il-membri ġodda li se jiffurmaw dan il-kumitat il-ġdid. Dawn kollha jifhmu s-sinifikat ta' kumitat għax kollha ħadmu f'dan is-settur qabel, għalhekk ninsab ċerta li se naħdmu tajjeb flimkien.

Flimkien se nibqgħu nagħtu sehemna u nkomplu fix-xogħol tagħna b'attivitajiet li nafu li jogħġbu lill-membri fi ħdan din l-għaqda. Il-*Coffee Morning* ta' kull xahar baqgħet iżżid fil-popolarità u kellna wkoll ħarġiet kemm kulturali u kif ukoll ta' divertiment.

Ta' dan ngħid grazzi lill-kumplament tal-kumitat sħabi, kif ukoll lill-kumitat Direttiv tal-fiduċja li dejjem uriena. Ma' dawn nirringrazzja wkoll lil dawk il-membri sħabna li jagħtu sehemhom bil-kbir meta niġu bżonnhom avolja ma jiffurmawx parti minn dan il-kumitat.

Ma nistax nagħlaq dan il-messaġġ mingħajr is-soltu tislima lil sħabna morda u anzjani li naf li għalkemm mhumiex preżenti fil-każin, qegħdin magħna fl-ispirtu. Ma ninsewhom qatt.

Nawgura l-festa t-tajba lill-kumitat u l-membri tal-Għaqda Mużikali Imperial u lill-Melleħin kollha, speċjalment dawk ħutna emigranti li qegħdin fostna biex jiċċelebraw il-festa ta' Marija Bambina.

Commando
Bar & Restaurant




FAMILY RUN

Misraħ iż-Żjara tal-Papa,
Mellieħa,
Malta
Tel: 2152 3459
Mob: 79730900